# Tin Iswed u Tin Abjad (Reċta)

## Addattament ta' ħrafa antika Maltija minn Trevor Żahra

<u>Jieħdu sehem:</u>

Narratur

Raġel

Xiħ

Prinċipessa

Tabib-1 / Tabib-2 / Tabib-3

Qarrej tal-Bandu

Narratur: Mela darba kien hemm raġel li kien miexi fil-kampanja, meta ġo għalqa jilmaħ siġra kbira mimlija tin iswed.

Raġel: Mmm xi ġmiel ta' tin dak! U kemm għandi ġuħ!

Narratur: U bla ma ħasibha darbtejn, qabeż ġol-għalqa, inxteħet taħt is-siġra u beda jaqta' u jiekol. U dak it-tin tant kien tajjeb, li beda jieklu tnejn, tnejn ... tlieta tlieta.

Raġel: Mmm kemm hu tajjeb! Imma issa ma niflaħx niekol aktar u aħjar inqum u naħseb biex nitlaq lura lejn id-dar. X'waħda din! Hawn x'għandi? Dan x'inhu?

Narratur: U tafu xi ġralu? Meta pprova jqum, sab li kien kibirlu denb. Iva hekk hu ... denb twil, twil donnu serp.

Raġel: X'waħda din x'biċċa ġratli! Issa x'se nagħmel?

Narratur: U tant ħassu mifxul li beda jibki u jolfoq bħal tarbija. Iżda f'daqqa waħda jilmaħ quddiemu raġel xiħ għakka bil-leħja bajda tkaxkar mal-art.

Xiħ: Xi ġralek? Għalfejn dal-biki kollu?

Raġel: Hawn ara xi ġrali. Kibirli dad-denb!

Xiħ: Mid-dehra kilt minn dak it-tin iswed, hux tassew? Issa ħaġa waħda biss tista' tagħmel. Qed taraha dik is-siġra bit-tin abjad? Mur fittex kul ikla minnha!"

Narratur: U ma' dal-kelmiet, ix-xwejjaħ sparixxa. Għalkemm dak ir-raġel ma tantx kellu aptit iduq aktar tin, iddeċieda li jisma' minn kliem ix-xwejjaħ. Ġera lejn is-siġra li wrieh u beda jaqta' u jiekol. Ħaġa tal-għaġeb, aktar ma jiekol tin abjad, aktar id-denb beda jiqsar u jiċkien sa ma spiċċa fix-xejn. Tgħidx kemm beda jaqbeż bil-ferħ u kien diġà qam biex jitlaq meta f'daqqa waħda għaddielu ħsieb minn rasu. Ġera lejn is-siġra tat-tin iswed u qata' salt minnu. Imbagħad mar fuq dik tat-tin abjad u reġa' qata' salt ieħor. Xeħet kollox ġo sorra u telaq ferħan lejn daru. L-għada, ir-raġel poġġa t-tin iswed ġo qoffa u rħielha lejn il-palazz tas-Sultan. Kien jaf sewwa li l-prinċipessa kienet miġnuna wara t-tin.

Raġel: Tin iswed ... frisk u fommu bil-għasel! Min jixtri? Tin iswed! Ejjew araw kemm hu tajjeb.

Narratur: Hekk kif il-prinċipessa semgħet lil dak il-bejjiegħ jgħajjat bit-tin, bagħtet lil waħda mill-qaddejja tagħha biex tixtrilha t-tin kollu li kellu. Kemm ferħet il-prinċipessa b'dak it-tin frisk!

Prinċipessa: Mmmm kemm hu tajjeb! Din żgur l-itjeb frotta tad-dinja.

Narratur: U l-prinċipessa bdiet tiekol u tiekol u tiekol sa ma kielet it-tin kollu li kienet xtrat.

Prinċipessa: X'waħda din!  Dan xi ġrali? *(twerżaq)* .... Kibirli denb!

Narratur: U s-Sultan u l-kbarat kollha tal-palazz telqu jiġru biex jaraw x'ġara, u tistgħu taħsbu kif skantaw meta raw dak id-denb kbir li kien kibrilha l-prinċipessa. Minnufih is-Sultan bagħat għat-tobba u l-professuri kollha tas-saltna ħalli jaraw x'jistgħu jagħmlu biex lil bintu jeħilsuha minn dak id-denb.

Tabib-1: Sire, aħna qatt ma rajna ħaġa bħal din.

Tabib-2: Dak id-denb ma jistax jitneħħa.

Tabib-3: Ikollha tibqa' tgħix bih.

Narratur: Ħadd minnhom ma seta' jsib tarf kif jeħlisha minnu. Lanqas is-saħħar tas-Sultan ma rnexxielu jagħmel xejn. Sa fl-aħħar is-Sultan ħareġ avviż mas-saltna kollha ...

*(daqq ta' trumbetta ta' palazz, ta' qabel avviż)*

Bandu: Is-Sultan qiegħed iħabbar u jwiegħed li jekk xi ħadd jirnexxielu jeħles lill-prinċipessa mill-marda rari li ħakmitha,  huwa jwiegħed li jżewwiġlu lil bintu u jagħtih nofs is-saltna.

Narratur: Meta sema' b'dan l-avviż, dak ir-raġel mar ġab it-tin abjad li kien qata', għamlu ġamm, qiegħdu ġo vażett, libes libsa pulita u telaq lejn il-palazz biex jagħmilha ta' tabib.

Raġel: Ħa nara ftit kif inhi dil-biċċa. Hmmmm.  Iva, iva ... din marda serja. Imma jien naf kif infejjqek. Ara, hawn għandi din il-mediċina. Qis li tieħu minnha sitt mgħaref kuljum.  Jekk tagħmel li qed ngħidlek, tfiq żgur.

Narratur: Il-prinċipessa kienet xebgħet tibla' pilloli u mediċini għalxejn, imma meta dak ir-raġel taha dduq il-ġamm li kellu, ħadet gost, għax dik il-mediċina ma kinitx ħażina bħall-oħrajn. Il-prinċipessa obdietu

| | |
|---|---|
| | bil-qalb u ma' kull mgħarfa li bdiet tieħu, id-denb beda jiqsar u jiqsar sa ma spiċċa għalkollox. |
| Prinċipessa: | Iva.. iva... sewwa qalli t-tabib. Fiqt għal kollox. Id-denb sparixxa! |
| Narratur: | Is-Sultan żamm kelmtu: ta nofs is-saltna lil dak ir-raġel, żewġu lill-prinċipessa u meta s-Sultan miet, dak ir-raġel laħaq Sultan minfloku. Dakinhar li laħaq Sultan, mal-lejl deherlu x-xwejjaħ li kien ra taħt is-siġra tat-tin. |
| Xiħ: | Is-sliem għalik, Sire. Int kont bin is-slaten. Meta kont tarbija kienu serquk u ħadulek is-saltna. Issa erġajt ksibt lura dak li kien tiegħek! |
| Narratur: | U ma' dal-kelmiet, ix-xiħ sparixxa u qatt ma reġa' deher aktar. |